


SKOND SAN LUQA KAP 9 V 28 -36



**[9:30]** U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija,

**[9:31]** li dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm.

**[9:32]** Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu mqajjmin sewwa, u raw il-glorja tiegħu u ż-żewġt irġiel li kienu miegħu.



**[9:33]** Xħin dawn it-tnejn kienu se jinfirdu minnu, Pietru qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija." Ma kienx jaf x'inhu jgħid.



**[9:34]** Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom u huma beżgħu kif daħlu fis-sħaba.

**[9:35]** U minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu."



**[9:36]** Malli nstama' l-leħen Ġesù sab ruħu waħdu. Huma żammew is-skiet, u għal dawk il-jiem ma qalu xejn lil ħadd minn dak li kienu raw.

L-episodju tat-Trasfigurazzjoni ta Kristu ghandu zewg messaggi mportanti. L-ewwel wiehed ippogilna quddiem ghajnejna li Kristu biss huwa t-Triq li twassalna ghand il-Missier Jekk xi hadd jaghzel jew jghaddi minn triq ohra jfalli u ma jasalx. Din it-Triq hija t-taghlim ta' Gesu' Kristu li bih naghrfu nimxu bla ma nitfixklu.

Alla jikkonferma din il-verita' li Kristu hu l-uniku triq meta mis-shaba instema' lehen li jghid : *Dan hu ibni il-mahtur, lilu isimghu*.

Ghaldaqstant min irid jimxi wara Kristu jisma' lehnu u jaghmel dak li jrid Gesu'.

Ftit ta' ezempji jghinuna nifhmu aktar

Kristu jghidlek li biex tasal ghand il-Missier trid titlob. *Itolbu biex ma taqghux fit-tentazzjoni.*
Kristu jghidlek biex thobb li ghajrek bhalek innifsek.
Kristu jghidlek biex taghmel penitenza u sagrificcju. *Min ma jaghmilx penitenza jintilef.*
Kristu jghidlek biex tahrab l-okkazzoni tad-dnub. *Jekk ghajnejk hija ta' okazzjoni ghalik aqlaghha u armiha 'l boghod minnek* jigifieri ahrab dak li jfixklek li thobb lil Alla.

U jekk tisma' milli jghidlek Gesu' hlasek ikun it-tgawdija eterna, li taghha Gesu' wera' ftit mill-glorja quddiem l-appostli tieghu.

U hawn nigu ghat-tieni punt taghna : il-premju etern imwieghed minn Gesu' ghal dawk li jharsu l-kmandamenti tieghu. Isimghu lil Kristu jghallem : *« Mhux min jghidli Sinjur Sinjur jidhol fis-saltna tas-smewwiet, izda min jaghmel ir-rieda ta' Missieri dan jidhol fis-saltna tas-smewwiet. »*

Biex ikun jimmeritak il-premju etern trid taghmel sagrificcju – twarrab ir-rieda tieghek jigifieri dak li tixtieq taghmel int biex taghmel rieda aqwa, dik divina.

Kulhadd jifhem li student ma jimmeritahx success fl-ezami jekk dan ma jistudjax jew haddiem ma jisthoqqlux paga jekk ma jahdimx, hekk ukoll ahna ma jkun jimmeritalna ebda premju etern jekk naghmlu dak li jfettlilna u naharbu li nwettqu il-volonta' ta' Alla.

Jekk Kristu kellu jbati bhala bniedem biex jidhol fis-saltna tas-smewwiet hekk ukoll ikollu jghaddi mit-triq tat-tbatija l-iskular tieghu. Hekk qal lil- iskulari ta' Emmaws meta iltaqa' maghhom fit-triq : *« Ma tafux li Bin il-bniedem kellu jbati biex jidhol fis-saltna tas-smewwiet. ».*

Mela nimxu wara Kristu, inhalluh imexxina hu biex iwassalna ghand il-Missier.

# FEJN SEHHET DIN IL-GRAJJA.

L-evangelisti ma jghidulniex, izda t-tradizzjoni tghid li t-trasfigurazzjoni grat fuq il-muntanja Tabor. Origene sa mit-3 seklu jsemmi dan il-fatt u San Cirillu ta' Gerusalemm u San Girolmu fir-raba seklu jkomplu jishqu fuq dak li sehh hemm fuq.

Minhabba l-importanza tat-Tabor fit-tradizzjoni Kristjana, hafna kienu l-pellegrinaggi li kienu jzuru dan il-lokal fis-seklu 4. Xi pellegrini jirrakontaw li matul is-seklu 6 kien hemm tlett knejjes fuq il-quccata tal-muntanja u fit-8 seklu saru erba u inbena' kunvent. Matul iz-zmien tal-Krucjati l-muntanja biddlet l-idejn diversi drabi, daqqa taht il-Mislem u ohra taht l-insara. Fis-sena 1212 Al-Adil I okkupa din il-muntanja, u bena' fuqha fortizza. Fis-sena 1229 l-insara hatfuha mill-gdid taht il-kontroll taghhom, izda 34 sena wara, il-qawwa tal-Mislem taht it-tregija ta' Baibars rebah il-fortizza u qered dak kollu li kien hemm fuq il-muntanja.



Kien bejn is-sena 1919 u 1924 li l-patrijiet frangiskani li lilhom giet afdata din il-muntanja bnew tempju mill-aktar sabih fuq il-fdalijiet tal-knejjes li kien hemm qabel. Fil-knisja hemm zewg kappelli, wahda dedikata lil Mose' li tieghu hemm immagini turih qed jircievi it-twavel tal-ligi u l-kappella l-ohra dedikata lil Elija li tieghu ukoll hemm xbiha li turih qed jikkonfronta il-profeti foloz ta' alla falz fuq il-muntanja tal-Karmelu.

Fuq l-artal magguri hemm muzajk li juri it-Trasfigurazzjoni u f'din il-festa li tahbat fis-6 ta' Awissu dan il-muzajk jiddawwal bir-raggi tax-xemx li jaqghu fuq hgiega mqieghda fuq l-art tal-knisja.

Biex wiehed jasal fuq nett halli jzur it-tempju maestuz tat-Trasfigurazzjoni, il-coach ma jtellax it-turisti sa fuq nett, izda jwaqqafhom f'zona miftuha biex minn hemm jiehdu taxi li twassalhom sal-quccata. Imbaghad ikun jonqoshom biss ftit metri sa ma jidhlu



fl-inhawi tat-tempju u l-kunvent. L-inhawi tal-muntanja huma mizewda bis-sigar bhalma kienet fiz-zminijiet ta' Kristu.

# FTIT NOTI STORICI FUQ MOSE U ELIJA

U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija.



## ELIJA

Elija twieled gewwa Tisbe u ghalhekk kienu jirreferu ghalih bhala Elija t-Tisbi.Dan ir-ragel kien jghix fi zmien ir-re Ahab li kien mizzewweg lil Jezabel, mara li ghamlet kemm felhet biex ixxerred il-qima lejn l-allat foloz, anzi kull min kien jadura lil Alla veru kienet tippersegiwtah bil-barka ta' zewgha. Bla dubju ta' xejn, Elija li kien ixandar kemm kienet haga hazina li titbieghed minn Alla u tati qima li allat foloz daq il-persekuzzjoni taghha.

Fost il- Lhud huwa meqjus bhala figura erojka ghaliex kien hu li waqaf ghar-rieda ta' Jezabel u r-ragel taghha r-re Ahab biex il-poplu jimxi wara l-allat foloz u jabbanduna lil veru Alla. Elija jishet lil Ahab u jhabbarlu nixfa kbira fuq l-art u ma taghmilx ix-xita jekk mhux meta jikkmanda hu.

Ir-re ta ordni li jarrestaw l-profeta ta' Ala ; l-ufficjal tar-re isibu, izda filwaqt li fuq naha wahda ma jridx jittradih fuq l-ohra ma jridx imur kontra l-ordni tar-re ghax jaf xi tfisser li tmur kontra x-xewqa tas-sultan. Elija jaccetta li jmur mieghu quddiem is-sultan dak il-jum stess ghaliex Alla qallu biex jaghmel hekk. « Mur idher quddiem is-sultan Ahab u Jiena nibghat ix-xita fuq l-art. » (18 vers 1).

Meta jiltaqa' ma' Ahab jisfida lis-sacerdoti ta' Alla falz ghall-prova biex jurihom minn kien il-veru Alla. Talabhom joqtlu barri u joffruh bhala sagrificcju billi jsejhu lil allat taghhom biex jibghatu nar mis-sema halli l-vittma tinharaq. Minkejja li talbu u ghajtu u zifnu ma gara xejn.

Kien imiss issa lil Elija li jitlob lil Alla tieghu u dak il-hin li Elija ghajjat lil Alla nar nizel mis-sema u haraq il-vittma li Elija kien waqqaf ghalih fuq artal separat. Il-poplu meta ra hekk gera' u qatel is-sacerdoti ta' l-allat foloz.

Gezabel baghditu f'qalbha, hekk li Elija kellu jerga' jahrab lejn id-dezert. Hemm Alla urieh kemm huwa providenti u assigurah li ma kienx wahdu.

Fuq ordni ta' Alla biex ikkonfronta lil Ahab li biex ha ghalqa dwieli li kienet tmiss mal-palazz tieghu qatel lil sidha fuq pjan ta' martu Jezabel. Il-Profeta Elija jishet lil Ahab u jhabbar li meta tmut Jezabel gisimha jiekluh il-klieb. U hekk gara fil-fatt.

Elija halla din id-dinja b'mod tassew mhux tas-soltu. Waqt li kien ma' Elizew, is-successur tieghu, hdejn ix-xmara Gordan karru tan-nar hataf lil Elija u hadu 'l fuq lejn is-smewwiet.

Elija bhal profeti kollha kellu jbati biex iwassal il-messagg ta' Alla . Minn din it-triq irid jghaddi kull min irid jahdem fis-servizz ta' Alla.

# MOSE'

Mose' kien mexxej kbir tal-Lhud. Harighom mit-tbatijiet li kienu qed isofru taht il-Farawn biex mexxihom ghal erbghjin sena fid-dezert, lejn l-art imwieghda, ghalkemm hu ma dahalx.



Twieled fl-iskjavitu' go familja lhudija gewwa l-Egittu meta l-Farawn hareg ordni li kull tarbija lhudija kellha tigi mgharrqa. Omm Mose' poggietu f'qoffa u tefghitu fix-xmara Nil. Sabitu t-tifla tal-Farawn li migbuda mill-hlewwa tieghu haditu ghandha biex trabbih. Fid-dar tal-principessa ma kien jonqsu xejn. Ommu tar-rispett ghallmitu u edukatu u dak li tghallem ghenu biex imexxi u jehles lill-poplu tieghu mill-kefrija tas-sultan.

Mose' kellu fih impenn li jara li issir gustizzja ma' kulhadd. L-ewwel incident kien meta qatel wiehed egizzjan ghax rah isawwat lil wiehed lhudi. B'xi mod jew iehor il-Farawn sar jaf u ordna li Mose' ikun maqbud. Hekk kif Mose induna li hu fil-periklu harab lejn Midjan u hemm xtaq li jghix fil-paci, imma immedjatament sab ruhu fi glieda ohra meta ddefenda lil ulied nisa tal-qassis midjanita Reuel minn rghajja ohra rgiel li riedu l-merhliet taghhom jixorbu qabel dawk ta' ulied Reuel meta dawn kellhom dritt qabilhom ghax lahqu l-post l-ewwel. Il-gustizzja riedha ma' kulhadd sew jekk kienu lhud sew jekk kienu barranin.

Mose' izzewweg wahda mit-tfal tal-qassis midjanita u dahal jahdem xoghol ta' rghaj ma' missierha. Jum wiehed waqt li kien qed jira' il-merhla Alla jkerllm minn sigra taqbad u gharrfu li kien ser jahtru mexxerj biex johrog il-poplu tieghu mill-Egittu, fejn kienu mahqura hafna.

Thabat hafna Mose' biex johrog il-poplu ta' Alla minn taht is-setgha tal-Farawn. Il-poplu mexa wara Mose' fid-dezert ghal erbghin sena sa ma wasal fl-art imwieghda minn Alla.

Kemm-il darba l-poplu offenda lil Alla u gerger kontra tieghu, izda Alla hafer u wasslu sa dik l-art li fiha kellu jghammar.

Waqt li kienu fid-dezert Alla ta lil Mose' l-Ligi tieghu u qallu li min iharisha jkollu paci f'qalbu, min iwarrabha isib inkwiet kbir ma wiccu.

Mose' miet bhal kull bniedem iehor, izda fejn hu midfun ebda bniedem ma jaf anqa dawk in-nies ta' zmienu.

**Ezercizzju :**

**1. Ikteb 4 sentenzi x'jghallimna u x'irid Kristu li naghmlu :**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**2. Immaginak li qed tara lil Kristu tiela' il-muntanja mad-dixxipli tieghu biex jitlob. Jarak tahdem l-ghalqa u jistidnek biex tinghaqad mieghu flimkien ma' Pietru, Gakbu u Ganni. Zgur li kont thalli l-ghodda, taqfilhom god-dwejra u tmur maghhom.**

**Ikteb ftit sentenzi li tahseb li Gesu' qal quddiemkom waqt li kontu telghin fuq il-quccata tal-muntanja.**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________